C/2024/5512

11.9.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11644 – VREP / GILDE SFS / CONTEYOR / KTP)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5512)

1. Fit-3 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Gilde SFS B.V. ("Gilde SFS", in-Netherlands),

— VR Equitypartner GmbH ("VREP", il-Ġermanja),

— SFS Group B.V. ("SFS Group", in-Netherlands),

— KTP Holding GmbH ("KTP Holding", il-Ġermanja).

Gilde SFS u VREP se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' SFS Group u KTP Holding.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Gilde SFS hija kumpanija azzjonarja kkontrollata minn Gilde Equity Management li permezz tagħha tinvesti f'diversi intrapriżi ta' daqs medju u kbar, partikolarment fil-Belġju, fil-Lussemburgu, u fin-Netherlands,

— VREP hija kumpanija ta' investiment li prinċipalment tappoġġa kumpaniji ta' daqs medju f'pajjiżi tal-Ewropa li jitkellmu bil-Ġermaniż,

— SFS Group huwa l-kumpanija azzjonarja ta' Conteyor, li hija fornitur ta' soluzzjonijiet ta' imballaġġ li jista' jiġi rritornat, bħal tessuti tekniċi, prodotti termoformati, kontenituri tal-plastik, u xkafef tal-metall,

— KTP Holding hija l-kumpanija holding ta' KTP Group, grupp Ġermaniż attiv fil-qasam tas-soluzzjonijiet ta' imballaġġ li jista' jiġi rritornat li huwa partikolarment iffukat fuq il-manifattura ta' kontenituri tal-plastik li jintwew għall-ħżin u għat-trasport.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' koċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11644 – VREP / GILDE SFS / CONTEYOR / KTP

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË